Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAL-WIEĦED u TLETIN LAQGĦA AĠĠORNATA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Ħamis, 31 ta' Ottubru 2013

**Ħin:** Mid-9am sal-9.55am

**Preżenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello
It-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg (Skuzat)
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

Il-Kunsillier bagħat jinfurma lis-Segretarju Eżekuttiv li kien ser ikun msiefer u ma setax jattendi għal din il-laqgħa.

7. **Korrispondenza (kontinwazzjoni)**

Ittra Nru 3370: Email mingħand Cedric Valletta fejn informa lill-Kunsill li ma jistax iġedded il-Kuntratt eżistenti għal xahar ieħor għaliex għandu problema loġistika. Huwa f'din l-ittra hemeż estratt minn deċiżjoni tal-Kunsill ta' Ħaż-Żebbuġ fir-rigward ta' Owen Borg li kien tefa' tender għat-tindif f'dik il-lokalita' fejn ġie skwalifikat.

Is-Sindku qal li l-Kunsill ffaċjat b'din id-deċiżjoni għandu problema fir-rigward tat-tindif għax–xahar ta' Novembru għaliex dan is-serviżż irid jibqa' għaddej. Għalhekk ġie deċiż mill-Kunsill li sakemm jiġi ffirmat il-Kuntratt il-ġdid ta' tindif mal-kuntrattur, is- Sur Owen Borg li kien tefa' t-tieni l-inqas offerta ser jitqabbad jagħti dan is-servizz għax-xahar ta' Novembru bil-prezz hekk kif stabbilit fl-offerta tiegħu oriġinali.

Sadanittant il-Kunsill qal lis-Segretarju Eżekuttiv biex jikteb lill-Kunsill ta' Ħaż-Zebbuġ biex jingħata aktar informazzjoni fir-rigward tal-kwistjoni mas-Sur Owen Borg.

Ittra Nru 3372: Ittra mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex jinħatar Ambaxxatur tal-Kunsilli Lokali bejn is-16 u 18-il sena.

Ittra Nru 3773: Ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn il-President ta' l-Assoċjazzjoni jixtieq jiltaqa' mal-Kunsill.

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri l-oħra li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interessi tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

## 8. Rapport dwar l-Ilmenti

Ilment Nru 17013071199898: Ittra mingħand resident biex jiġi installat sleeping policeman fi Triq Antonio Bosio. Il-Kunsill iddeċieda li jekk ir-resident jaċċetta li din tiġi installata quddiem id-dar tiegħu, huwa japplika ma' Transport Malta.

## 9. Komunikazzjoni tas-Sindku

Is- Sindku rringrazzja lill-Kunsilliera tas-suċċess li kellha l-protesta tar-residenti li saret fi Triq il-Ferrovija l-Qadima fejn kien hemm parteċipazzjoni tajba u li ġiet irrapurtata mill-mezzi kollha tax-xandir.

Is-Sindku tkellem fuq l-għassa tal-pulizija ġewwa Ħal Balzan fejn jidher li qed isiru xi studji mill-Gvern Ċentrali biex jibda jkun hemm għassa tal-pulizija reġjonali. Huwa filwaqt li jifhem dawn it-tip ta' *policies* reġjonali, li jkollok għassa f'lokalita' daqshekk żgħira bħal ma hi tagħna, tagħmel aktar sens li jkollok għassa tal-komunita' aktar u aktar meta' f'Ħal Balzan hawn ħafna nies ta' eta' kbira.

## 10. Approvazzjoni biex isir il-ħlas

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-24 ta' Ottubru 2013 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 34,964,79.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier is-Sur Desmond Zammit Marmara' li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Stephen Gatt. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kwotazzjonijiet biex jinxtara computer ġdid għas-Segretarju. Il-Kunsill approva li jinxtara mingħand Merlin Computers għas-somma ta' € 590 fejn għandu garanzija ta' tlett (3) snin.

## 11. Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Is-Sur Desmond Zammit Marmara' fuq suġġeriment tas-Sur Carmel Bezzina talab li ċertu ismijiet ta' toroq għandhom jinbidlu. Is-Sindku semma li kien diġa' sar tentattiv biex dan isir fejn meta l-Kunsill tkellem mar-residenti qamet rewwixta sħiħa u ma riedux li jsir dan. Il-Kunsill li jista' jagħmel hu li jsir tentattiv ieħor u naraw x'jiġri.

Is-Sur Desmond Zammit Marmara' semma xi lmenti ta' residenti li joqgħodu fi Triq iz- Zekkuk, Sqaq 3 fi Triq il-Providenza, Vjal il-Bon Pastur, Triq Idmejda, Triq San Rokku, u fi Triq it-Tlett Knejjes. Dwar ilmenti li rċieva l-Kunsill ser jara' sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent.

Is- Sur Desmond Zammit Marmara' ressaq talba ta' Balzan FC biex jitranġa l-*fence* tat-training grounds. Il-Kunsill ma jistax jagħmel dan għax marbut bil-liġi.

Is-Sur Desmond Zammit Marmara' ressaq talba ta' Daniel Muscat rigward il-permess tal-MEPA tal-Moulin D'Or biex il-Kunsill jipprotesta bil-qawwa kollha kif ukoll is-Sur Zammit Marmara'ressaq talba formali biex issir protesta fuq l-iżvilupp mhux sostenibbli li qed isir fi Triq il-Ferrovija l-Qadima.

Iċ-Chairman tas-Sottokumitat tal-Kultura, is- Sur Desmond Zammit Marmara poġġa fuq il-mejda rapport fuq l-organizzazzjoni tal-attivita' Festa Kultura għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill. amended as attached

Il-Viċi Sindku, is-Sur Joe Galea tkellem fuq l-intervista li saret fuq TVAM fir-rigward tas- suġġett Interkultural fejn ġibed l-attenzjoni tas-Sindku li huwa bħala Viċi Sindku kellu jiġi infurmat b'dan qabel.

ma tqabbad is-Sur Stephen Gatt. Is-Sur Zammit Marmara' qal li din l-intervista kellha x'taqsam mal-Kultura. Is-Sindku skuża ruħu kemm mal-Viċi Sindku kif ukoll mal-Kunsilliera l-oħra ta' din id-deċiżjoni imma huwa kellu telefonata ta' malajr fuq din l-intervista waqt li kien imsiefer.

**Għeluq:** Il-laqgħa aġġornata se ssir nhar l-Erbgħa 20 ta' Novembru 2013 fil-5pm

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Eżekuttiv

8/11/13
Data